**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**Illum l-Erbgħa 27 ta' Jannar 2021**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 1/2019**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf**

**Josephine Wadi**

Il-Qorti,

**1** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 1 ta'l-2019 kontra Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf detentur tal-karta

ta'l-identita numru 49044(A), u Josephine Wadi numru tal-karta ta'l-identita' 416995(M) akkużati talli:

i. l-imsemmi Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf, reċediv f'delitt, ħati waħdu ta' stupru vjolenti aggravat, u ċioe' talli bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (Krystle Gaffarena), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess mill-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf li kien megħjun fl-eżekuzzjoni tiegħu minn persuna oħra u ċioe Josephine Wadi.

ii. l-imsemmija Josephine Wadi, waħedha ħatja ta' kompliċita' fir-reat ta' stupru vjolenti aggravat, u ċioe' talli bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), bil-vjolenza, għenet jew assistiet lil Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf sabiex jikkometti stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (Krystle Gaffarena), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess mill-akkuzat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf li kien megħjun fl-eżekuzzjoni tiegħu minn persuna oħra u ċioe Josephine Wadi.

iii. l-imsemmija akkużati Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf, reċediv f'delitt, u Josephine Wadi ħatja talli, bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), ikkommettew attentat vjolenti għall-pudur ta' Krystle Gaffarena, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat stante li ġie kommess minn tnejn minn nies li għenu lil xulxin fl-eżekuzzjoni tad-delitt.

iv. l-imsemmija Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf, reċediv, u Josephine Wadi, ħatja talli bejn is-sebgħa (7) u t-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012), ġewwa l-Gzejjer Maltin (is-Seaview Hotel, San Pawl il-Baħar), bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew, jew issekwestraw persuna (Krystle Gaffarena) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (Krystle Gaffarena) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.

**2.** Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta' Josephine Wadi ppreżentata fl-1 ta' April, 2019 eċċepiet:

"a. Illi d-dokument mmarkat bhala dok JG21 u cioe dikjarazzjoni ghar-rinunzja ghad-dritt tal-parir legali mal-avukat ma huwiex prova ammissibli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kemm tal-Qorti Kositutzzjonali, kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali stante li l-istess Josephine Wadi, fiz-zmien li ttiehdet l-imsemmija stqarrija, ma kellhiex il-jedd illi taghzel jekk ikollhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Din l-Eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-provi.

b. Illi d-dokument mmarkat bhala dok JG32 u cioe l-ewwel stqarrija rilaxxata mill-akkuzata ma hijiex prova ammissibli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kemm tal-Qorti Kosituzzjonali, kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali stante li l-istess Josephine Wadi, fiz-zmien li ttiehdet l-imsemmija stqarrija, ma kellhiex il-jedd illi taghzel jekk ikollhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Din l-Eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar linammissibilita' tal-provi.

c. Illi d-dokument mmarkat bhala dok JG43 u cioe it-tieni stqarrija rilaxxata mill-akkuzata ma hijiex prova ammissibli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kemm tal-Qorti Kositutzzjonali, kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali stante li l-istess Josephine Wadi, fiz-zmien li ttiehdet l-imsemmija stqarrija, ma kellhiex il-jedd illi taghzel jekk ikollhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Din l-Eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar linammissibilita' tal-provi.

d. Illi partijiet mix-xhieda tal-Ispettur Jessica Grima, a folio 46 et seq tal-atti processwali, m'humiex provi ammissibli stante li jirrigwardjaw l-istqarrijijiet rilaxxati mill-esponenti. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kemm tal-Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali stante li l-istess Josephine Wadi, fiz-zmien li ttiehdet l-imsemmija stqarrija, ma kellhiex il-jedd illi taghzel jekk ikollhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Din l-Eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-provi.

e. Illi x-xhieda tas-Supretendent Martin Sammut, liema xhieda tirrigwardja esklussivament l-istqarrija tal-akkuzat ma hijiex prova ammissibli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kemm tal-Qorti Kositutzzjonali, kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali stante li listess Josephine Wadi, fiz-zmien li ttiehdet l-imsemmija stqarrija, ma kellhiex il-jedd illi taghzel jekk ikollhiex l-avukat

prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Din l-Eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-provi.
f. Illi x-xhieda ta' WPC 276 Mary Grace Farrugia, liema xhieda tirrigwarda esklussivament l-istqarrija tal-akkuzat ma hijiex prova ammissibli u dan fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kemm tal-Qorti Kositutzzjonali, kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali stante li l-istess Josephine Wadi, fiz-zmien li ttiehdet l-imsemmija stqarrija, ma kellhiex il-jedd illi taghzel jekk ikollhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Din l-Eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-provi.
g. Illi partijiet mir-relazzjoni relevanti maghmula mit-tabib Mario Scerri huma provi inammissibli u dana stante li tinkludi dikjarazzjonijiet maghmula mill-akkuzata fiz-zmien fejn ma kellhiex il-jedd li taghzel jekk ikollhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid ta' tali dikjarazzjonijiet. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-provi.
h. Id-Dokument KA16/13 jinkludi diversi hwejjeg allegatament ta' Crystle Gaffarena. Dan id-dokuement gie esebit il-Qorti minn Dr. Marisa Cassar nhar it-28 ta' Jannar, 2013. Minkejja li Dr. Marisa Cassar fir-relazzjoni taghha tghid illi hija gabret dan id-dokument minghand l-Ispettur Joseph Busuttil, madanakollu minn imkien ma jirrizulta dan. Lanqas jirrizulta min effettivament ghadda dawn il-hwejjeg lil Dr. Marisa Cassar u ta' min huma limsemmija hwejjeg. Minn ezami akkurat tal-atti processwali minn imkien ma jrrizulta illi xi xhud ikkonferma bil-gurament illi ghadda dan id-dokument lill-Ispettur Busuttil, wisq anqas l-istess Spettur ma kkonferma bil-gurament illi huwa ghadda xi hwejjeg lil Dr. Marisa Cassar. Dan id-dokument ghaldaqstant huwa inammissibbli stante li r-regola fundamentali fil-process penali, ossia dik tac-chain of evidence giet miksura. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inamissibilita' tal-provi.
i. Ix-xoghol kollu magħmul u r-relazzjonijiet relevanti maghmula minn Dr. Marisa Cassar huma provi inammissibbli u dana stante li r-regola fundamentali tal-process penali ossia dik tac-chain of evidence giet miksura. Konsegwentement sia r-relazzjonijiet kif ukoll kull deposizzjoni li tat u li gew moghtija mix-xhud indikat huma inammissibbli u ghaldaqstant laqnas ixxhud ma huwa xhud ammissibli. Din l-eccezzjoni qed tinghata a tenur talartikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inamissibilita' tal-provi."

**3.** Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-akkużat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf, pprezentata fis-16 ta' April, 2019 fejn indika is-segwenti eċċezzjonijiet:

1. "Illi jibda biex jinghad a fol 107, l-Ispettur Joseph Busuttil jistqarr li meta ttiehdet l-ewwel stqarrija tal-imputat, dan uzufruwixxa mid-dritt tieghu li jitkellem ma avukat qabel l-interrogazzjoni, izda ma jissemmiex l-isem tal-avukat la fit-testimonjanza, la fl-ewwel stqarrija u lanqas fl-istqarrijiet li ttiehdu wara.
2. Illi d-dokument mmarkat bhala dok JG57 u cioe l-ewwel stqarrija rilaxxata mill-akkuzat ma hijiex prova ammissibli kif trid il-ligi, stante li l-akkuzat Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf fiz-zmien li ttiehdet din l-istqarrija ma kellux il-jedd li jaghzel sabiex ikollu l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza kemm Nostrana (Qorti tal-Appell Kriminali u Qorti Kostiuzzjonali), kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din l-Eccezzjoni qed tinghata a tenur talartikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-provi.
3. Illi d-dokument immarkat dok JG68, cioe it-tieni (2) stqarrija rilaxxata mill-akkuzat ma hijiex prova ammissibli kif trid il-ligi, stante li l-akkuzat Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf fiz-zmien li ttiehdet din l-istqarrija ma kellux il-jedd li jaghzel sabiex ikollu l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza kemm nostrana (Qorti tal-Appell Kriminali u Qorti Kostiuzzjonali), kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din l-Eccezzjoni qed tinghata a tenur tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' eccezzjoni dwar l-inammissibilita' tal-provi.
4. Illi jidher li hemnm dokument iehor immarkat Dok JG69. Din si tratta tat-tielet (3) stqarrija rilaxxata mill-akkuzat, li wkoll m'hijiex prova ammissibbli kif trid il-ligi stanta li l-akkuzat Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf fiz-zmien li ttiehdet din l-istqarrija ma kellux il-jedd li jaghzel sabiex ikollu l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija. Dan qieghed jinghad fid-dawl talgurisprudenza kemm nostrana (Qorti tal-Appell Kriminali u Qorti Kostituzzjonali), kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din l-eccezzjoni qeghda ssir ai termini tal-artikolu 438(2)(i) u cioe' dwar l-inammissibilita' tal-provi.
5. Illi partijiet mix-xhieda tal-Ispettur Jessica Grima, senjatament a fol 47 u 48, ma jikkostitwixxux prova ammissibli kif trid il-ligi galadarba jaghmel referenza ghall-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat. Dan stante li l-akkuzat Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf fiz-zmien li ttiehdu dawn l-istqarrijiet ma kellux il-jedd li jaghzel sabiex ikollu l-avukat prezenti waqt it-tehid ta' tali stqarrijiet. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza kemm nostrana (Qorti tal-Appell Kriminali u Qorti Kostituzzjonali), kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din l-Eccezzjoni qedgha ssir ai termini talArtikolu 438(2)(i) u cioe' dwar l-inammissibilita' tal-provi.

6. Illi x-xhieda tal-Ispettur Joseph Busuttil, a fol 107 et seq, ma jikkostitwixxux prova ammissibli kif trid il-ligi galadarba jaghmel referenza ghall-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat, u kif ukoll dak li jinsab a fol 236 et seq fejn si tratta l-istqarrija. Dan stante li l-akkuzat Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf fizzmien li ttiehdu dawn l-istqarrijiet ma kellux il-jedd li jaghzel sabiex ikollu lavukat prezenti waqt it-tehid ta' tali stqarrijiet. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza kemm nostrana (Qorti tal-Appell Kriminali u Qorti Kostituzzjonali), kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din l-eccezzjoni qedgha ssir ai termini tal-Artikolu 438(2)(i) u cioe dwar linammissibilita' tal-provi.
7. Illi galadarba l-istqarrijiet mehuda jigu ddikjarati mhux ammissibbli, ix-xhieda ta' PC86, PS419, rinviji li jitolbu tali xhieda u verbali fejn jissemmew tali xhieda jew ezenzjoni ta' tali xhieda ghandha titnehha. Din l-eccezzjoni qedgha ssir ai termini tal-Artikolu 438(2)(i) u cioe' dwar l-inammissibilita' tal-provi.
8. Illi partijiet mir-relazzjoni tal-espert Mario Scerri, senjatament a fol 133, huma inammissibli stante li saret allegazzjoni mill-akkuzata Josephine Wadi li tista' tkun ta' pregudizzju u leziva tad-dritt tal-akkuzat Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf. Dan qieghed jinghad stante li fiz-zmien li ttiehdu dawn l-istqarrijiet ma kienx hemm id-dritt li suspettat u/jew akkuzat jaghzel sabiex ikollu l-avukat prezenti waqt it-tehid ta' tali stqarrija. Dan qieghed jinghad fid-dawl tal-gurisprudenza kemm nostrana (Qorti tal-Appell Kriminali u Qorti Kostituzzjonali), kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Din l-eccezzjoni qedgha ssir ai termini tal-Artikolu 438(2)(i) u cioe dwar l-inammissibilita' tal-provi.
9. Illi fix-xhieda taghha l-espert Dr. Marisa Cassar tghid li d-dokument KA 16/13, u cioe il-hwejjeg allegatament tal-vittma, u li tali kienu parti mill-allegat reat, ingħataw lilha mill-ispettur Joseph Busuttil. Pero' fid-diversi okkazjonijiet li kellu ghad-disposizzjoni tieghu, l-iSpettur Busuttil qatt ma semma dan il-fatt, b'dana li hemm dubju serju dwar il-provenjenza ta' tali hwejjeg, inoltre l-fatt li ma jistax jigi kkontestat ic-'Chain of evidence' ta' tali hwejjeg, u konsegwentement kull xoghol/inkarigu u xhieda li nghatat millespert hija inammissibli. Din l-eccezzjoni qeghda ssir ai termini tal-artikolu 438(2)(i) u cioe dwar l-inammissibilita' tal-provi."

**4.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-12 ta' Diċembru 2019 li permezz tagħha fir-rigward tal-eċċezzjonijiet mressqa mill-akkużata Josephine Wadi ċaħdet l-eċċezzjonijiet bl-ittri 'h' u 'i' u laqgħet l-eċċezzjoni bl-ittra 'a' u ddikjarat d-dikjarazzjoni tar-rinunzja għad-dritt tal-parir legali a fol.50 tal-atti tal-

Kumpilazzjoni u mmarkata bħala Dok JG2 bħala inammissibli, laqgħet l-eċċezzjonijiet bl-ittri 'b' u 'c' u ddikjarat l-istqarrijiet rilaxxati fil-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) immarkata bħala Dok JG3 a fol 51 sa 54 tal-atti tal-Kumpilazzjoni u l-istqarrija datata s-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) bħala Dok JG4 a fol 55 sa 58 tal-atti tal-Kumpilazzjoni bħala inammissibli u għalhekk ordnat l-isfilz tagħhom. Fir-rigward tal-eċċezzjonijiet bl-ittri 'd', 'e' u f', laqgħet dawn l-eċċezzjonijiet limitatament fis-sens li kwalunkwe partijiet tax-xiehda li jagħmlu referenza ghall-istqarrijiet jew il-kontenut tal-istqarrijiet rilaxxati minn Josephine Wadi huma inammissibli b'dan li l-kumplament tal-kontenut ta' dawn ix-xiehda hija ammissibli bhala prova. Għalhekk il-Qorti ma ordnatx l-isfilz tal-ebda mix-xiehda. Il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni bl-ittra 'g' u ddikjarat li kwalunkwe dikjarazzjoni magħmulha mill-akkużata u għalhekk kontenuta fir-relazzjoni tat-tabib espert Dr Mario Scerri hija inammissibli.

Fir-rigward tal-eċċezzjonijiet mressqa mill-akkużat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf filwaqt li ċaħħdet l-ewwel (1) u d-disa' (9) eċċezzjonijiet, laqgħet t-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) eċċezzjonijiet u ddikjarat l-istqarrijiet rilaxxjati min Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf fil-hdax (11) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) u mmarkata bhala Dok.JG 5 a fol 59 sa 62 tal-atti tal-Kumpilazzjoni, l-istqarrija rilaxxjata fit-tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) immarkata bhala Dok.JG6 a fol 63 sa 64 tal-atti tal-Kumpilazzjoni u l-istqarrija rilaxxjata fis-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) bhala Dok.JG6 a fol 65 sa 69 tal-atti tal-Kumpilazzjoni bhala inammissibli u ordnat l-isfilz tagħhom. Laqgħet limitatament l-eċċezzjonijiet bin-numru hamsa (5), sitta (6) u sebgħa (7) fis-sens li kwalunkwe referenza li setgħet saret minn xhieda ghall-istqarrijiet jew kontenut tal-istqarrijiet rilaxxati mill-akkużat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf hija wkoll inammissibli iżda l-kumplament tal-kontenut ta' dawn ix-xiehda hija ammissibli. Għalhekk il-Qorti ma ordnatx l-isfilz tal-ebda mix-xiehda. Ċaħħdet

il-parti fejn fis-sitt (6) u seba' (7) eċċezzjonijiet l-akkużat eċċepixxa li dak li jinsab a fol 236 tal-atti tal-Kumpilazzjoni u cioe' il-verbal tas-seduta tas-sitta ta' Awissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u cioe' l-eżenzjoni mid-difiża ta' certu xhieda u l-aċċettazzjoni tal-istqarrijiet bhala awtentici bhala inammissibli u għalhekk il-Qorti ddikjarathom bħala ammissibli u li għandhom jibqgħu fl-atti kif ukoll ċaħdet fejn intalab li rinviji li jitolbu tali xhieda jew fejn jissemmew tali xhieda jew eżenzjoni ta' tali xhieda għandha titneħħa. Il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni bin-numru tmienja (8) u ddikjarat kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula mill-ko-akkużata Josephine Wadi dwar l-akkużat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf lill-espert Dr Mario Scerri bħala inammissibli.

**5.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-Avukat Ġenerali ppreżentat fid-19 ta' Diċembru 2019 u dan limitatament fir-rigward ta'l-eċċezzjonijiet bl-ittri (a), (b), (ċ), (d), (e), (f) u (g) mressqa minn Josephine Wadi u fir-rigward ta'l-eċċezzjonijiet (2), (3), (4), (5), (6), (7) u (8) mressqa minn Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf u għalhekk talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

A rigward tas-sentenza surriferita fil-konfront ta'l-eċċezzjonijiet mressqa minn Josephine Wadi:

i) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet bl-ittri (h) u (i); u

ii) Tikkonfermaha ukoll f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet (d), (e) u (f) *in parte*, u ċioe' fejn iddikjarat li l-partijiet tax-xiehda li ma jirreferux ghall-istqarrijiet rilaxxati mill-akkużati huma ammissibli bħala prova u m'ordnatx l-isfilz ta' ebda mix-xiehda imsemmija;u

iii) Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjoni (a) u iddikjarat d-dikjarazzjoni tar-rinunzja għad-dritt tal-parir legali a fol.50 tal-atti tal-kumpilazzjoni u mmarkata bħala Dok.JG2 bħala inammissibbli; u

iv) Tħassarha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet (b) u (c) u ddikjarat l-istqarrijiet rilaxxjati fil-11 ta' Jannar 2012 immarkata bhala Dok. JG3 a fol.51 sa 54 tal-atti tal-kumpilazzjoni u l-istqarrija datata 17 ta' Jannar 2012 bhala Dok. JG4

a fol.55 sa 58 tal-atti tal-kumpilazzjoni bħala inammissibbli u ordnat l-isfilz tagħhom; u

v) Tħassarha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet (d), (e) u (f) *in parte* u ċioe' fejn ordnat li kwalunkwe partijiet mix-xiehda li jagħmlu referenza għall-istqarrijiet jew il-kontenut tal-istqarrijiet rilaxxjati minn Josephine Wadi huma inammissibbli; u

vi) Thassarha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjoni (g) u ddikjarat kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula mill-akkużata u għalhekk kontenuta fir-relazzjoni tat-tabib espert Dr. Mario Scerri bħala inammissibli; u

Sussegwentement tgħaddi sabiex tiddisponi mill-materja in kwistjoni skond il-liġi u dan fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

A rigward tas-sentenza surriferita fil-konfront ta'l-eċċezzjonijiet mressqa minn Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf:

i) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet bl-ittri (1) sa (9); u

ii) Tikkonfermaha ukoll f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet (5), (6) u (7) in parte, u cioe' fejn iddikjarat li il-partijiet tax-xiehda li ma jirreferux ghall-istqarrijiet rilaxxati mill-akkużati huma ammissibbli bħala prova u m'ordnatx l-isfilz ta' ebda mix-xiehda imsemmija; u

iii) Tikkonfermaha ukoll f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet bin-numru (6)u (7) *in parte*, u ċioe' fejn iddikjarat li dak li jinsab a fol. 256 tal-atti tal-kumpilazzjoni u ċioe' il-verbal tas-seduta tas-06 ta' Awwissu 2015 u ċioe' l-eżenzjoni mid-difiża ta' ċertu xhieda u l-aċċettazzjoni tal-istqarrijiet bħala awtentiċi, huwa ammissibbli bħala prova u għandhom jibqgħu fl-atti, kif ukoll fejn ċaħdet it-talba tad-difiża li rinviji li jitolbu tali xhieda jew eżenzjoni ta' tali xhieda għandhom jitneħħew; u

iv) Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet (2), (3) u (4) u ddikjarat l-istqarrija rilaxxjata minn Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf fil-11 ta' Jannar 2012 immarkata bħala Dok. JG5 a fol.59 sa 62 tal-atti tal-kumpilazzjoni, l-istqarrija rilaxxata minnu fit-12 ta' Jannar 2012 immarkata bħala Dok. JG6 a fol. 63 sa 64 tal-atti tal-kumpilazzjoni u l-istqarrija rilaxxata minnu fis-17 ta' Jannar 2012 bħala Dok. JG6 a fol.65 sa 69 tal-atti tal-kumpilazzjoni bħala inammissibbli u ordnat l-isfilz tagħhom; u

v) Tħassarha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet (5), (6) u (7*) in parte* u ċioe' fejn ordnat li kwalunkwe partijiet mix-xiehda li jagħmlu referenza għall-istqarrijiet jew il-

kontenut tal-istqarrijiet rilaxxati minn Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf huma inammissibbli; u

vi) Tħassarha u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjoni (8) u ddikjarat kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula mill-ko-akkużata Josephine Wadi dwar l-akkużat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf lill-espert Dr. Mario Scerri bħala inammissibli; u

Sussegwentement tgħaddi sabiex tiddisponi mill-materja in kwistjoni skond il-liġi u dan fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

**6.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**7.** Semgħet trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

**8**. Illi in suċċint, l-ilment ewlieni ventilat miż-żewġ appellati fil-maġġior parti ta'l-eċċezzjonijiet miġjuba 'il quddiem minnhom, wara n-notifika lilhom magħmula ta'l-Att ta'l-Akkuża, huwa marbut mal-inammissibilta' bħala prova tal-istqarrijiet rilaxxati minnhom lill-pulizija lura meta huma ġew arrestati u interrogati f'Jannar 2012 u ta' kwalunkwe dikjarazzjoni li huma setgħu għamlu kemm lill-pulizija kif ukoll lil xi esperti tal-qorti, u/jew kwalsiasi referenza li ssir minn xi xhud għal tali dikjarazzjonijiet.

**9**.Illi l-Ewwel Qorti għoġobha tilqa' dawn l-eċċezzjonijiet u dan meta ddikjarat din il-prova li bi ħsiebu iressaq l-Avukat Ġenerali bħala waħda inammissibbli u dan minħabba l-fatt illi meta saru dawn id-dikjarazzjonijiet mill-akkużati, li jistgħu jkunu inkriminatorji, huma ma kellhomx konsulent legali preżenti magħhom biex jassistiehom. Stqarret hekk il-Qorti Kriminali, wara li għamlet espożizzjoni erudita u dettaljata tal-iżvilupp legali u ġurisprudenzjali in materja:

> **"Din il-Qorti hija tal-fehma li minkejja li l-izvilupp gurisprudenzjali jaghti x'jifhem li sabiex jiġi deċiż jekk kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq irid jittiehed kont tal-process kollu u ghalhekk il-fatt wahdu li stqarrijiet ikunu ttiehdu minghajr il-presenza tal-Avukat illum il-gurnata qieghed jiġi interpretat bhala li ma jfissirx awtomatikament li jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq, tenut kont tal-fatt li dan il-guri ghadu ser jibda jinstema', din il-Qorti hija tal-fehma li fl-interess tal-gustizzja u l-integrita tal-process, ghandha tordna l-isfilz tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-akkuzati."**

**10.**Illi l-appellant Avukat Ġenerali ħassu aggravat minn dan il-pronunzjament ta'l-Ewwel Qorti u dan għaliex fil-fehma tiegħu dan l-iżvilupp fil-liġi u l-ġurisprudenza li jirregola l-materja tal-vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq meta dikjarazzjonijiet jiġu magħmula minn persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat, u li tagħmel referenza għalih l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha, jindika bil-kontra u ċioe' illi sakemm il-proċess ġudizzjarju ma jkunx wasal fit-tmiem tiegħu ma huwiex possibbli jiġi stabbilit jekk tkunx seħħet dik il-leżjoni. Dan għaliex għandu jsir eżami tal-proċess ġudizzjarju fit-totalita' tiegħu u huwa biss minn din l-ottika li jista' jiġi stabbilit jekk dik il-leżjoni tkunx avverat ruħha. Jisħaq l-Avukat Ġenerali illi l-istqarrijiet ġew rilaxxati skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien u kwindi ma jistax jitqies li m'għandhomx valur probatorju fit-termini ta'l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali.

**11.**Illi l-Qorti tistqarr minnufih u mingħajr tlaqliq illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun fil-lanjanza minnu miġjuba 'il quddiem. Illi jibda biex jingħad, kif diversi drabi affermat mill-qrati fir-rigward tal-principju regolatur dwar l-ammissibilita' ta'prova fil-proċess penali, illi hija prassi adottata mill-ġurisprudenza illi prova ma titqiesx li hija nammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tippreklude l-ammissjoni ta' dik il-prova. L-akkużati ma nvokaw ebda regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilita' tal-istess stqarrijiet, iżda straħu unikament fuq il-premessi fuq indikati u nsistew li kienu qegħdin

ifittxu r-rimedju ordinarju għal lanjanza purament ta' natura kostituzzjonali. Illi anke l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata tikkonċedi illi l-istqarrijiet saru in konformita' mal-leġislazzjoni penali applikabbli fiż-żmien relevanti.

**12.** Dan għaliex huwa indubitat illi fir-rigward ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna suspettata bil-kumissjoni ta' reat, iżda li għadha ma ġietx mixlija l-Qorti, dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet ġaladarba jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, għandhom jittieħdu skont il-liġi. Stqarrijiet jew dikjarazzjonijiet hekk imsejjħa *'pre-trial'*, miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt għandhom jiġu skartati billi nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju. Din ir-regola hija mfassla, kif tajjeb jindika l-Avukat Ġenerali fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali[1].

**13**. Illi l-pożizzjoni ta' dritt li tirregola it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran ra żviluppi sostanzjali fi snin reċenti. Illi fiż-żmien meta l-akkużati ġew arrestati u interrogati lura fis-sena 2012, huma ma kellhomx il-jedd li jkollhom l-avukat preżenti magħhom matul it-teħid tal-istqarrija u dan għaliex dan il-bdil għal Kodiċi Kriminali kien konsegwenza ta' trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, bdil allura li seħħ fiż-żmien wara li l-akkużati kienu ġew interrogati. Illi fiż-żmien meta ġew rilaxxati l-istqarrijiet mill-appellati kien hemm dritt, għalkemm wieħed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiduċja tagħha fil-ħin preċedenti l-interrogatorju mill-pulizija. Dan id-dritt ġie lilhom konċess biex b'hekk l-istqarrijiet sussegwentement rilaxxati, huma in

---

[1]Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub,b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

konformita' mal-liġi viġenti f'dak iż-żmien. Di fatti, l-leġislatur fl-artikolu l-ġdid maħluq fl-Att III tal-2002 ħaseb sabiex ***"il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali , wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-sub-artikolu."*** Għalhekk nħolqot sitwazzjoni ġdida għar-rigward tal-istqarrijiet li ġew rilaxxati mid-data li nġiebu fis-seħħ dawk l-emendi 'l quddiem, sitwazzjoni, kif ingħad, fejn ingħata il-jedd tal-parir legali qabel l-interrogatorju. Illum fid-dawl tal-iżviluppi legali u ġurisprudenzjali, madanakollu, ma jistax jiġi ritenut li dwar dawn l-istqarrijiet tapplika xi regola esklużjonarja ta' dritt penali proċedurali li tirrendi dawk l-istqarrijiet inammissibbli, għaliex dawn kienu konformi mal-liġi penali viġenti fiż-żmien relevanti.

**14**. Illi l-Ewwel Qorti, għalhekk, kellha timxi b'iktar kawtela u ċirkospezzjoni, iktar u iktar wara deċiżjoni mogħtija mill-Sezzjonijiet Magħquda tal-Qorti Ewropea fil-każ *Philippe Beuze vs il-Belġju* (71409/10) deċiża fid-09 ta' Novembru 2018 li reġgħet qallbet il-kriterji imfassla fid-deċiżjoni ta' *Salduz* u oħrajn, u dan għalkemm sabet li f'dan il-każ kienet seħħet vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Illi f'din id-deċiżjoni il-Qorti Ewropea reġgħet adottat il-kriterju tal-"*overall fairness of the proceedings*" sabiex jiġi mistħarreġ jekk seħħitx xi leżjoni għad-dritt tas-smigħ xieraq, u dan wara li jiġi superat l-ewwel test u cioe' jekk kienx hemm xi raġunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt għall-assistenza legali jiġi miċħud. Dawn il-kriterji jew linji gwida baqgħu jiġu segwiti fid-deċiżjonijiet li segwew in materja, inkluż allura il-każ li laqgħat lil pajjiżna *Farrugia vs Malta*, deċiżjonijiet li l-Ewwel Qorti tagħmel referenza ampja

għalihom fis-sentenza appellata u li l-Avukat Ġenerali jinvoka sabiex isaħħaħ l-lanjanza tiegħu.

> **"441. When examining the proceedings as a whole, the following non-exhaustive list of factors should, where appropriate, be taken into account (Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], § 274; Beuze v. Belgium [GC], § 150; Sitnevskiy and Chaykovskiy v. Ukraine, §§ 78-80):**
> **▪ Whether the applicant was particularly vulnerable, for example, by reason of his age or mental capacity;**
> **▪ The legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with; where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;**
> **▪ Whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;**
> **▪ The quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;**
> **▪ Where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;**
> **▪ In the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;**
> **▪ The use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;**
> **▪ Whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay jurors, and in the case of the latter the content of any jury directions;**
> **▪ The weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue;**
> **▪ Other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.[2]**

**15**. Illi allura din il-Qorti fid-dawl tal-pronunzjament surriferit tal-Qorti Ewropea ma tistax *a priori* tiskarta stqarrija ta' persuna li tkun ingħatat l-jedd tikkonsulta ma' avukat qabel ma tiġi interrogata, iżda fejn l-avukat tagħha ma kienx preżenti

---

[2] https://www.echr.coe.int/documents/guide_art_6_criminal_eng.pdf

fil-waqt tal-interogazzjoni, u dan ghaliex allegatament jista' jkun hemm leżjoni potenzjali tad-dritt tagħha għal smigħ xieraq. Dan għaliex, kif mistqarr f'dan il-pronunzjament, kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex l-avukat preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija dan setax impinġa fuq is-smigħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha. F'każ konsimili ġie deċiż mill-Qorti Ewropea illi ma kienet seħħet ebda leżjoni taħt l-artikolu 6:

> **"In Doyle v. Ireland the applicant was allowed to be represented by a lawyer but his lawyer was not permitted in the police interview as a result of the relevant police practice applied at the time. The Court found no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention. It considered that, notwithstanding the impugned restriction on the applicant's right of access to a lawyer during the police questioning, the overall fairness of the proceedings had not been irretrievably prejudiced. In particular, it laid emphasis on the following facts: the applicant had been able to consult his lawyer; he was not particularly vulnerable; he had been able to challenge the admissibility of evidence and to oppose its use; the circumstances of the case had been extensively considered by the domestic courts; the applicant's conviction had been supported by significant independent evidence; the trial judge had given proper instructions to the jury; sound public-interest considerations had justified prosecuting the applicant; and there had been important procedural safeguards, namely all police interviews had been recorded on video and made available to the judges and the jury and, while not physically present, the applicant's lawyer had the possibility, which he used, to interrupt the interview to further consult with his client.**
>
> **429. In addition, the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (Ibid., § 136).[3]"**

---

[3] *Ibid*

**16**. Dan magħdud, madanakollu, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri fejn il-proċess penali għad irid jinstema' mill-qorti kompetenti ma jistax jingħad jekk il-kriterji indikati fil-kaz *Beuze* ġewx segwieti. Ukoll għaliex, kif tajjeb stqarret l-Ewwel Qorti, la dik il-Qorti u lanqas din il-Qorti ma għandhom funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma għandhomx il-poter jistħarġu f'dan l-istadju, jekk tkunx seħħet xi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ, iktar u iktar f'dik is-sitwazzjoni fejn xi forma ta' assistenza legali tkun ġiet mogħtija. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeċiedi *a priori* illi <u>bil-fatt waħdu</u> illi fiż-żmien li l-persuna akkużata tkun ġiet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat preżenti magħha waqt it-teħid tal-istqarrija, dan awtomatikament kien vjolattiv tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq, meta l-Qorti Ewropea issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kenux ġusti fil-konfront tal-akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti.

**17**. Illi dak li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti, allura, kien illi, mogħnija bil-provi diġà ikkumpilati, abbażi tat-test imfassal fil-każ *Beuze,* tistħarreġ b'mod preliminari (u dan mingħajr ma tesprimi ruħha fil-mertu, billi dak jispetta biss l-imħallfin tal-fatt) jekk il-kriterji stabbiliti f'din id-deċiżjoni ġewx imħaddna u allura jekk bil-fatt illi l-appellati ma kellhomx avukat preżenti magħhom meta ġiet rilaxxata dik l-istqarrija jew stqarrijiet setax f'dan l-istadju tal-proċeduri vvizja dik il-prova mill-aspett tad-dritt penali.

**18**. Illi minn eżami li għamlet din il-Qorti tal-atti kumpilatorji jemerġi illi hemm xhud ewlenija li trid tiddeponi, u ċioe' il-vittma li tirrakkonta dak li seħħ fil-lejl ta' bejn is-07 u it-08 ta' Jannar 2012[4]. L-akkużata Wadi interrogata għal aktar

[4] Ara xiehda ta' Krystle Gaffarena a fols. 19 sa 34 tal-atti kumpilatorji

minn darba tirrifjuta id-dritt għal parir legali[5]. Mistoqsija fil-bidu tal-interrogatorju tagħha fil-11 ta' Jannar 2012 jekk tixtieqx tkellem avukat, l-akkużata Josephine Wadi twieġeb fin-negattiv u tirrifjuta il-jedd tal-assistenza legali. L-akkużat Hassan Raouf, minn naħa tiegħu, jingħata il-jedd qabel kull stqarrija rilaxxata minnu li jikkonferixxi ma'avukat, li għalkemm ma jiġix indikat mill-ispettur Joseph Busuttil li kien qed jinterrogah min kien dan l-avukat, madanakollu ma jidhirx illi l-akkużat qiegħed jikkontesta dan il-fatt. L-akkużat għażel li ma jiffirmax l-istqarrijiet minnu rilaxxati. Ma jidhirx, jew għall-inqas, ma saret ebda prova li l-akkużati kienu xi persuni vulnerabbli meta ġew meħuda dawn l-istqarrijiet, kif lanqas ma hemm prova illi dawn l-istqarrijiet ġew minnhom rilaxxati taħt pressjoni jew theddid. Fil-fatt l-akkużati fl-istqarrijiet minnhom rilaxxati ma jammettux li kkomettew ir-reati lilhom addebitati, bl-akkużata Josephine Wadi tistqarr illi l-atti sesswali kienu konsenswali, filwaqt li l-akkużat Raouf jiċħad kategorikament li kien addirittura preżenti fuq ix-xena tar-reat. Abbinat ma' dan hemm ir-rapporti tal-esperti forensiċi Dr. Mario Scerri u Dr. Marisa Cassar, bir-rapport ta' din l-aħħar espert isib profil ġenetiku ta'l-akkużat fuq il-ħwejjeġ tal-vittma. Hemm ix-xiehda, imbagħad ta' l-assistent soċjali Maria Louisa Zammit li tkellmet mal-vittma.

**19**. Mhux biss iżda mill-verbal tas-seduta tas-06 ta' Awwissu 2015 jirriżulta illi d-difiża eżentat lil Prosekuzzjoni milli tressaq lil PC86 u PS419 sabiex jixhdu dwar il-volontarjeta' tal-istqarrijiet u ddikjarat li qed taċċettahom bħala awtentiċi[6], verbal li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ddikjarat li mhux ser jiġi skartat, għalkemm id-difiża talbet sabiex dan isir. Sussegwentement u minħabba l-iżviluppi li kienu għadhom qed isiru fuq il-kwistjoni dwar il-valur probatorju tal-istqarrijiet, dawn ix-xhieda xortawaħda iddeponew fuq talba tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2018. Permezz ta' verbal ieħor datat is-27

[5] Ara dok.JG2 a fol.50
[6] Fol.236

ta' Lulju 2016, għalkemm id-difiża reġgħet tenniet l-eżenzjoni milli jiddeponu dawk ix-xhieda marbuta mad-dikjarazzjoni dwar ir-rifjut tal-parir legali ta'Wadi u ċioe' WPC276 u WPS242, fl-istess nifs fakkret lil qorti istruttorja illi skont is-sentenzi riċenti dawn l-istqarrijiet ma setgħux jittieħdu bħala prova.

**20**. Illi mfassal dan il-kwadru li jemerġi mill-atti kkumpilati finalment:

> **"Hu fuq l-Istat l-obbligu li jagħti prova li fil-proċess kriminali kien hemm *overall fairness*. F'dan il-każ m'huwiex possibbli li jsir għal kollox l-eżerċizzju li ssemma fil-każ ta' *Beuze* għaliex s'issa l-ġuri għadu ma sarx[7].**

Dan għaliex:

> **... dwar dan il-każ għad irid isir il-ġuri. Għalhekk huma l-ġurati li ser jiddeċiedu jekk l-appellant huwiex ħati tal-akkużi li hemm kontrih. Madankollu, ser ikun l-imħallef li fl-indirizz li jrid jagħmel lill-ġurati ser jiġbor ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, kif ukoll ifisser ix-xorta u l-elementi tar-reati rilevanti għall-każ. Hu l-imħallef li jagħmel ".... kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu" (Artikolu 465 tal-Kap. 9)[8].**

**21**. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u billi d-difiża qed issejjes l-eċċezzjoni tagħha dwar l-inammissibilita ta' l-istqarrijiet ta' l-akkużati mhux fuq xi regola penali tal-evidenza li teskludi dik il-prova, peress li l-istess stqarrijiet kienu konformi mal-liġi penali viġenti dak iż-żmien, iżda fuq l-allegata leżjoni potenzjali tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif spjegat mill-Qorti fi Strasburgu jekk isir użu minn dawk l-istqarrijiet fil-ġuri, ma jirriżultax illi f'dan l-istadju tal-proċeduri l-imsemmija prova għandha tiġi skartata billi mhuwiex nieqes il-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess. Dan ifisser

---

[7] Kost: Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello – 27 ta' Marzu 2020

[8] *Ibid*

għalhekk illi f'dan l-istadju tal-proċeduri ebda prova oħra marbuta ma' dawn l-istqarrijiet jew dikjarazzjonijiet ma għandha tiġi estromessa mill-atti.

**22**. Fir-rigward ta' dak mistqarr mill-appellata Josephine Wadi lill-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri, minn eżami ta'l-atti jirrizulta illi l-akkużata ġiet mitkellma ġewwa l-għassa tal-pulizija mill-espert fl-istess jum li rrilaxxat l-istqarrija tagħha u ċioe' fil-11 ta' Jannar 2012 fil-presenza tal-Ispettur Jessica Grima. Hija reġgħet tenniet mat-tabib Scerri dak li stqarret fl-istqarrija tagħha u ċioe' li r-relazzjonijiet sesswali ma' Gaffarena kienu konsenswali. Dan magħdud, madanakollu, jekk jirriżulta fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri illi hija ma ngħatatx it-twissija skont il-liġi kontra l-awto-inkriminazzjoni mill-espert qabel għamlet tali dikjarazzjoni jew dikjarazzjonijiet, allura dawn ma għandhom ikollhom ebda valur probatorju. Illi f'dan ir-rigward ukoll l-Ewwel Qorti ma kellhiex ghalfejn tiddikjara inammissibbli fil-konfront tal-appellat Hasan Ali Mohammed Abdel Raouf dak dikjarat minn Wadi lill-espert Dr. Mario Scerri billi dak dikjarat minn akkuzat ma jista' qatt jittiehed bhala prova la favur u lanqas il-ko-akkuzat tieghu[9].

**23. Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravji sollevati mill-Avukat Ġenerali jistħoqqilhom akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta'l-istqarrijiet rilaxxati mill-akkużati jekk jirrizulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni *Beuze* hawn fuq iċċitata. Fuq kollox, għall-appellati dejjem jibqa' id-dritt tagħhom li jitolbu reviżjoni tal-**

---

[9] Artikolu 661.Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha,u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra.

**verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tagħhom.**

**24. Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, billi:**

**A. fil-konfront tal-appellata Josephine Wadi:**

**i) Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet bl-ittri (h) u (i); u**

**ii) Tikkonfermaha ukoll f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet (d), (e) u (f) *in parte*, u ċioe' fejn iddikjarat li l-partijiet tax-xiehda li ma jirreferux ghall-istqarrijiet rilaxxati mill-akkużati huma ammissibli bħala prova u m'ordnatx l-isfilz ta' ebda mix-xiehda imsemmija;u**

**iii) Tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjoni (a) u iddikjarat d-dikjarazzjoni tar-rinunzja għad-dritt tal-parir legali a fol.50 tal-atti tal-kumpilazzjoni u mmarkata bħala Dok.JG2 bħala inammissibbli; u tiddikjara din il-prova bħala ammissibbli.**

**iv) Tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet (b) u (c) u ddikjarat l-istqarrijiet rilaxxati fil-11 ta' Jannar 2012 immarkata bħala Dok. JG3 a fol.51 sa 54 tal-atti tal-kumpilazzjoni u l-istqarrija datata 17 ta' Jannar 2012 bħala Dok. JG4 a fol.55 sa 58 tal-atti tal-kumpilazzjoni bħala inammissibbli u ordnat l-isfilz tagħhom; u tiddikjara din il-prova bħala ammissibbli**

**v) Tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet (d), (e) u (f) *in parte* u ċioe' fejn ordnat li kwalunkwe partijiet mix-xiehda li jagħmlu referenza għall-istqarrijiet jew il-kontenut tal-istqarrijiet rilaxxati minn Josephine Wadi huma inammissibbli; u tiddikjara din il-prova bħala ammissibbli.**

**vi) Tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjoni (g) u ddikjarat kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula mill-akkużata u għalhekk kontenuta fir-relazzjoni tat-tabib espert Dr. Mario Scerri bħala inammissibli, u tiddikjara din il-prova bħala ammissibbli.**

**B. Fil-konfront tal-appellat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf:**

i) **Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet bl-ittri (1) sa (9); u**

ii) **Tikkonfermaha ukoll f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet (5), (6) u (7) in parte, u cioe' fejn iddikjarat li il-partijiet tax-xiehda li ma jirreferux ghall-istqarrijiet rilaxxati mill-akkużati huma ammissibbli bħala prova u m'ordnatx l-isfilz ta' ebda mix-xiehda imsemmija; u**

iii) **Tikkonfermaha ukoll f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet bin-numru (6)u (7) *in parte*, u ċioe' fejn iddikjarat li dak li jinsab a fol. 256 tal-atti tal-kumpilazzjoni u ċioe' il-verbal tas-seduta tas-06 ta' Awwissu 2015 u ċioe' l-eżenzjoni mid-difiża ta' ċertu xhieda u l-aċċettazzjoni tal-istqarrijiet bħala awtentiċi, huwa ammissibbli bħala prova u għandhom jibqgħu fl-atti, kif ukoll fejn ċaħdet it-talba tad-difiża li rinviji li jitolbu tali xhieda jew eżenzjoni ta' tali xhieda għandhom jitneħħew; u**

iv) **Tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet (2), (3) u (4) u ddikjarat l-istqarrija rilaxxjata minn Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf fil-11 ta' Jannar 2012 immarkata bhala Dok. JG5 a fol.59 sa 62 tal-atti tal-kumpilazzjoni, l-istqarrija rilaxxjata minnu fit- 12 ta' Jannar 2012 immarkata bhala Dok. JG6 a fol. 63 sa 64 tal-atti tal-kumpilazzjoni u l-istqarrija rilaxxjata minnu fis-17 ta' Jannar 2012 bhala Dok. JG6 a fol.65 sa 69 tal-atti tal-kumpilazzjoni bħala inammissibbli u ordnat l-isfilz tagħhom; u tiddikjara din il-prova ammissibbli.**

v) **Tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet (5), (6) u (7) *in parte* u ċioe' fejn ordnat li kwalunkwe partijiet mix-xiehda li jagħmlu referenza għall-istqarrijiet jew il-kontenut tal-istqarrijiet rilaxxjati minn Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf huma inammissibbli; u tiddikjara din il-prova ammissibbli.**

vi) **Tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjoni (8) u fejn ddikjarat kwalunkwe dikjarazzjoni magħmula mill-ko-akkużata Josephine Wadi dwar l-akkużat Hassan Ali Mohamed Abdel Raouf lill-espert Dr. Mario Scerri bħala inammissibli, u tiddikjara din il-prova ammissibbli.**

**Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**